MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1471/2001/1

**Nazzareno Fenech**

**vs**

**Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attur fit-22 ta` Awissu, 2001, li in forza taghha, wara li ppremetta illi:

L-attur kien applika lill-awtorita` konvenuta sa biex jinhariglu permess fuq il-van tal-marka transit bin-numru E 3107 u dan flok l-van tal-marka Isuzu bin-numru Y-1280 biex jkun jista` jhaddem l-istess vettura bhala vettura ghall-garr tan-nies;

Qabel ma xtara l-istess van l-attur kien pprokura mar l-Awtorita` konvenuta u mar ghand id-dipartiment tal-Pulizija biex jaccerta ruhu li ma jkollux problemi meta jixtri din il-vettura, u gie assikurat mill-ufficjali kompetenti li ma kellu jkun hemm l-ebda problema kwalsijasi;

L-awtorita` konvenuta kienet cahdet fil-1996 l-applikazzjoni tal-attur u kontra dik id-decizjoni l-istess attur fittex gudizjarjament l-awtorita` hawn konvenuta bl-apposita citazzjoni;

B`sentenza tal-9 ta` Marzu, 2001, l-Prim`Awla tal-Qorti Civili ddecidiet billi hassret id-decizjoni tal-awtorita` konvenuta tat-2 ta` Jannar, 1996 li cahdet il-permess lill-attur u ordnat lill-istess awtorita` konvenuta biex tiddeciedi mill-gdid fuq it-talba ta` l-attur ghall-hrug tal-permess, b`dan illi d-decizjoni ghandha tkun mgharrfa lill-attur fi zmien xahrejn u ghandhom ikunu mgharrfa wkoll ir-ragunijiet li wasslu ghad-decizjoni kopja ta` *'liema sentenza hi hawn ezibita u markata document A'*;

B`ittra tat-12 ta` April, 2001 kopja ta` liema hi hawn esibita u markata Dokument B l-awtorita` konvenuta regghet infurmat lill-attur li hija ma setghetx taghtieh il-permess biex igorr passiggieri bil-van E-3107 minflok il-van Y-1280 billi fiz-zmien li applika ma kienux jinhargu permessi ghall-vannijiet simili;

L-awtorita` konvenuta waslet ghall-din id-decizjoni minghajr ma tat lill-attur l-ebda smiegh fir-rigward;

L-awtorita` konvenuta fid-decizjoni taghha ma ghamlet xejn hlief irriterat l-ewwel decizjoni taghha minghajr ma tat ragunijiet sufficjenti ghall-istess, anzi ghamlet ghab-bazi tad-decizjoni taghha riferenza ghall-policy li, fi kliem l-istess precitata sentenza kienet policy li *'ma kienitx ppublikata'* u minghajr ma gie mfisser x`kienet dik il-policy jew ghal liema ragunijiet ta` policy kienet michuda t-talba tal-attur.

Ghalhekk dik id-decizjoni mehuda mill-awtorita` konvenuta kienet wahda arbitrarja, mhux skond il-ligi u *ultra vires* l-poteri ta` l-istess awtorita`;

L-arbitrarjeta ta` dik id-decizjoni tirrizulta manifesta mill-ahhar paragrafu taghha fejn timplika li applikazzjoni gdida b`van tal-istess ghamla u sura bhal dak ta` l-attur kienet tintlaqa;

Dawn id-decizjonijiet huma aktar arbitrarji meta wiehed iqis li kienu diskriminatorji fil-konfront tal-attur minghajr ebda bazi fil-ligi billi nies ohra inghataw permess ghall-vetturi ta` l-istess ghamla, daqs u sura fil-perjodi rilevanti;

Bhala konsegwenza ta` dan l-attur sofra danni ingenti ghal liema l-istess awtorita` konvenuta hija unikament responsabbli;

Ghalkemm b`ittra ufficcjali tal-31 ta` Mejju, 2001, kopja ta` liema hi hawn ezibita u markata document C, l-awtorita` konvenuta giet interpellata ufficjalment biex twettaq l-obbligi taghha fil-konfront tal-attur u sa biex tillikwida u thallas id-danni lilu kkawzati, izda inutilment;

Talab lill-awtorita` konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li d-decizjoni tat-12 ta` April, 2001, kienet wahda illegali, *ultra vires*, u diskriminatorja fil-konfront tal-attur u mehuda b`disprezz manifest kontra l-awtorita` tal-Qorti, u dan minhabba u fid-dawl tac-cirkostanzi fuq premessi;

2. tannulla, ghalhekk u konsegwentement, thassar u tirrevoka d-decizjoni fuq imsemmija;

3. tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni versu l-attur minhabba l-agir taghhom illegali u abbusiv fuq deskritt u konsistenti fic-cahda lilu tal-permess mitlub;

4. tillikwida l-istess danni sofferti mill-attur bhala konsistenti fit-telf ta` uzu ta` l-istess vettura u danni ohra affini u relatati;

5. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu id-danni hekk likwidati lill-attur.

Bl-ispejjez u b`inunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:

1. It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-decizjoni in kwistjoni hija ibbazata fuq ir-raguni u dettata mill-policy tal-awtorita` konvenuta u kwindi ma jirrizultawx il-lanjanzi tal-attur.

2. Ghalhekk lanqas ma jirrizulta b`ebda mod li l-istess awtorita` konvenuta iddecidiet b`mod li iddisprezzat l-awtorita` tal-Qorti li kienet hi stess li ma laqghetx it-talba originali tal-attur u invitat lill-istess awtorita` tiddeciedi skond il-policies taghha.

3. Ghalhekk ukoll it-talba tal-attur ma tistax tintlaqa ghaliex il-vettura in kwistjoni ghal diversi raguni ma tikkwalifikax biex ikollha l-licenzja in kwistjoni.

4. Mhux minnu li l-awtorita` tat l-impressjoni lill-attur li kien se jinhariglu l-permess, u jekk xi impjegat tal-awtorita` ghamel hekk ghandu jirrispondi hu ghaliex ma kellu ebda awtorita` jaghmel dan.

Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat l-atti tal-kawza fl-istess ismijiet, citazzjoni numru 481/96, deciza minn din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fid-9 ta` Marzu, 2001, il-process ta` liema kawza gie allegat ma din il-kawza b`digriet ta` din il-Qorti tas-17 ta` Mejju, 2002;

Rat l-affidavits imressqa bhala prova;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Bhala fatti, jirrizulta li l-attur kellu van tal-marka Isuzu, bin-numru Y-1280, u ghal dan il-van kellu permess mahrug mill-awtorita` konvenuta ghall-garr tal-passiggieri. Dan il-permess kien ghal *garage hire*, ie., mhux *chauffeur driven*. Wara xi zmien, ghall-habta tal-1994, l-attur iddecieda li jnehhi l-van u floku jdahhal, ghall-istess garr tal-passiggieri, van iehor tal-marka Transit li kellu numru E-3107. Ghamel talba biex ikollu l-permess fuq dan it-Transit, minflok l-Isuzu, u mill-Awtorita` qalulu li biex seta` jinhariglu l-permess fuq it-Transit, kellu jikkonverti l-Isuzu biex ma jibqax tajjeb ghall-garr tal-passiggieri. Billi haseb li l-permess kien sejjer jinghatalu, l-attur ikkonverta l-Isuzu, izda, wara xi zmien, l-Awtorita` konvenuta gharrfitu, b`ittra tat-2 ta` Jannar, 1996, illi l-permess ma kienx sejjer jinghatalu; b`dik l-ittra, l-Awtorita` konvenuta infurmat lill-attur li t-talba tieghu ma setghetx tintlaqa` *"fid-dawl tal-policies vigenti tal-Awtorita`"*. L-attur talab indikazzjoni ta` dawk il-policies, izda baqa` minghajr sodisfazzjon.

Fit-13 ta` Frar, 1996, l-attur fetah kawza biex jikkontesta r-rifjut tal-Awtorita` (citazzjoni numru 481/96). Din il-Qorti, b`decizjoni moghtija fid-9 ta` Marzu, 2001, laqghet it-talba tal-attur u hasret id-decizjoni tal-Awtorita` konvenuta kontenuta fl-ittra tat-2 ta` Jannar, 1996. Biex waslet ghad-decizjoni taghha, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjoni:

*"Fil-kaz tallum, l-awtorita` qieghda tghid illi cahdet it-talba ta` l-attur ghax dik it-talba kienet tmur kontra l-policy taghha. Dik il-policy, izda, ma kinitx pubblikata u lanqas*

*waqt is-smiegh tal-kawza ma kien imfisser x`kienet dik il-policy jew ghal liema ragunijiet ta` policy kienet michuda t-talba ta` l-attur. Ghalhekk, hemm biss il-kelma ta` l-awtorita` konvenuta li d-decizjoni taghha ma kinitx wahda arbitrarja; anzi, lanqas ma jista` jinghad li nghatat dik il-kelma ghax ir-rapprezentanti tal-konvenuta ma kinux jafu jfissru x`kienu r-ragunijiet li wasslu ghac-cahda tat-talba ta` l-attur.*

*Li l-awtorita` ghandha s-setgha li tfassal policy mehtiega biex jintlahaq il-ghan li jkun hemm sistema ta` trasport pubbliku integrat sew, minghajr perikolu, ekonomiku u efficjenti, johrog mil-ligi li waqqfitha; izda, safejn il-policy tolqot drittijiet ta` terzi, bhal fil-hrug ta` licenzi, ghandha ssir bil-mezz li tipprovdi l-ligi stess fl-art. 27, li jaghti lill-attrici, bil-kunsens tal-ministru, is-setgha li taghmel regolamenti. Hekk il-kriterji ghall-hrug tal-licenzji mhux biss ikunu maghrufa minn kulhadd izda wkoll il-bazi tad-decizjonijiet tkun wahda oggettiva, u l-istess ghal kulhadd.*

*Fil-kaz ta` l-attur, id-decizjoni li tkun michuda t-talba tieghu ttiehdet fuq bazi ta` policy li ma kinitx specifikata u mfissra kif trid il-ligi: ghalhekk id-decizjoni kienet wahda ultra vires”*.

F`dik il-kawza, il-Qorti ma ipprovdietx billi ordnat il-hrug tal-permess, izda ordnat lill-Awtorita` konvenuta terga tikkunsidra t-talba mill-gdid, u tiddeciedi mill-gdid *“b`dan illi r-ragunijiet ghad-decizjoni ghandhom ikunu mfassla fuq kriterji oggettivi pubblikati kif irid l-artikolu 27 tal-Kap. 332, u r-ragunijiet ghandhom ikunu mgharrfa lill-konvenuti”*.

Wara din id-decizjoni, l-Awtorita` konvenuta damet <u>hames snin</u> biex tirrevedi l-posizzjoni, u b`ittra tat-12 ta` April, 2001, infurmat lill-attur li l-applikazzjoni tieghu ma setghetx tigi milqugha peress li *“fiz-zmien li inti applikajt, ma kienux jinhargu permessi ghall-vanijiet simili (Transit). Din il-policy kienet gia tezisti miz-zmien li dawn il-permessi kienu regolati mill-Kummissarju tal-Pulizija”*.

Il-Qorti tinnota li din l-ahhar ittra hija bazikament simili ghall-ittra tar-rifjut li kienet harget l-Awtorita` fit-2 ta`

Jannar, 1996. It-tnejn jirreferu ghall-policies allura vigenti, izda dawn il-policies ma gewx spjegati jew pruvati. Fil-kawza precedenti, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta` Marzu, 2001, kien gie rimarkat li l-Awtorita` ma kienetx f`pozizzjoni taghti tifsira ta` x`kienet il-policy, min minn ittiehdet u meta. L-anqas f`din il-kawza ma saret prova tal-ezistenza ta` din is-suppost policy. Jidher li din l-allegata policy giet segwita wara informazzjoni dwarha b`*hearsay*, ghax ebda minuta, cirkulari, ittra jew dokument ma gie ipprovdut biex jipprova l-ezistenza ta` din il-policy.

Din il-Qorti gia kellha okkazzjoni tikkunsidra dawn is-suppost policies. Fil-kawza <u>“Axiaq vs Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku”</u>, deciza minn din il-Qorti fil-5 ta` Mejju, 2005 (u reformata mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` Gunju, 2006, ghal dak li hu r-rimedju moghti) kien gie osservat li l-Awtorita` pubblika ma tistax tistrieh fuq policies li ma jkunux irrizultaw minn minn u meta ittiehdu. Gie rimarkat li bazi ta` policy ma tistax tkun *“ghax hekk kien isir fil-passat”*, izda qabel ma tittiehed *policy decision*, irid isir studju xjentifiku u komprehensiv tas-sitwazzjoni. F`dik il-kawza, din il-Qorti kienet iddecidiet, li persuna ma tistax tigi mcahhda minn licenzja a bazi ta` policy li ma tirrizultax pruvata u lanqas it-tifsira u l-iskop taghha.

Anke f`din il-kawza, nonostante li l-Awtorita` kellha opportunita` f`zewg kawzi biex tipprova turi il-policy li a bazi taghha hadet id-decizjoni, ukoll ma saretx prova taghha. Mhux hekk biss, izda l-istess Awtorita` agixxiet b`dispett lejn din il-Qorti, ghax nonostante l-ordni biex taghti ragunijiet *“fuq kriterji oggettivi pubblikati kif irid l-art. 27 tal-Kap. 332”*, hija injorat din l-ordni u regghet irriferiet, b`mod ghal kwantu vag, ghal policy li kienet tezisti fiz-zmien li l-permessi kienu regolati mill-Pulizija.

Li din is-suppost policy hi bla bazi tirrizulta wkoll minn ittra li Carmel Muscat, allura technical manager mal-Awtorita` konvenuta, kien baghat lill-konsulent legali tal-Awtorita` fit-28 ta` Dicembru, 1995 (esebita fl-atti tal-kawza citaz. 481/96). F`din l-ittra, s-Sur Muscat jirrikmanda biex ma jinhareg il-permess peress li *“as far as I know, no owner of a garage hire has been given such a permit”*. Ma saret

ebda riferenza ghal xi cirkulari jew direttiva, izda l-bazi taghha kien biss il-memorja! Apparti dan, u nonostante s-suppost policy, is-Sur Muscat jghid, fl-istess ittra, li jiftakar kaz fejn permess simili kien, fuq kollox, inghata.

Din il-Qorti ma tistax ma tesprimix id-dizappunt taghha ghal mod kif il-files relattivi kienu jigu mizmuma mill-Awtorita` konvenuta. Hekk, per ezempju, wara li l-attur ghamel l-applikazzjoni mad-Direttur tat-Traffic ghall-permess, intalab il-parir tal-Awtorita` tat-Trasport Pubbliku u dan b`ittra tal-1 ta` Dicembru, 2004. Id-Direttur tat-Traffic gie infurmat li l-applikant intalab iressaq il-vettura ghat-test, pero`, il-file tad-Direttur tat-Traffic jieqaf hemm, peress li l-Awtorita` konvenuta baqghet qatt ma infurmatu bir-rizultat tat-test u lanqas jekk kellhiex jew le oggezzjoni ghall-applikazzjoni li ghamel l-attur. Min naha l-ohra, mill-file tal-Awtorita` konvenuta, mhux biss ma jirrizultax x`kien ir-rizultat tat-test li sar, jekk sar, fuq il-vettura tal-attur, izda lanqas biss ma jirrizulta li l-attur kien gie mitlub jiehu l-vettura tieghu ghat-test. Fil-file tal-Awtorita` irrizulta biss kopja tal-applikazzjoni tal-attur, u ittra mit-*technical manager* mibghuta lill-attur biex dan icempillu. Mill-file ma jirrizultax b`liema mod il-kaz tal-attur gie trattat, u lanqas li l-attur intalab jaghti xi informazzjoni fuq il-vettura tieghu. Fil-fatt, gie konfermat li mill-file relattiv ma hemmx indikat kif u ghal liema raguni l-applikazzjoni tal-attur giet ghal darb`ohra rifjutata. Dan jikkonferma dak li qalet din il-Qorti aktar qabel, u *cioe`,* li r-rifjut ma sarx a bazi ta` kriterji oggettivi, izda a bazi ta` suppost policy li hadd ma seta` jixhed bi precis dwarha jew il-provenjenza taghha.

Is-Sur Joseph Caruana, l-attwali direttur fil-*Public Transport Directorate*, li jaqa` taht l-Awtorita` dwar it-Trasport Pubbliku, ipprova juri li biex illum jinhareg permess, hemm policy ta` permess wiehed ghal kull garage, u biex jinghata l-permess il-vettura trid tkun gdida u mghonija b`arja kondizzjonata; dawn il-policies u specifications gew stabbilit wara ftehim milhuq bejn l-Awtorita` konvenuta u r-*"Rend-A-Car Association"* u iffirmat fil-15 ta` Gunju, 1998. Dwar kif kienet il-policy qabel l-iffirmar ta` dak il-ftehim, is-Sur Caruana jirreferi biss ghall-policy, jew ghan-nuqqas ta` ezistenza ta` policy,

li ma kienetx tippermetti l-hrug ta` permessi godda. Hu wkoll, pero`, ma jaf xejn dwar it-tifsira ta` dik is-suppost policy.

Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li, wara d-decizjoni ta` din il-Qorti tad-9 ta` Marzu, 2001, l-Awtorita` ezaminat il-kaz tal-attur fid-dawl tal-policies u l-ispecifications l-godda maqbula f`Gunju tal-1998, u la darba l-applikazzjoni tal-attur ma kienetx tissodisfahom, dik giet michuda. Il-Qorti tqies, pero`, li l-applikazzjoni li ghamel l-attur fl-1994, m`ghandhiex tigi kkunsidrata u trattata a bazi ta` ftehim milhuq erba` snin wara. L-attur applika ghall-permess fl-1994, u la darba, dak inhar, ma kien hemm xejn xi jzomm il-hrug tal-permess, ma jistax dan jinzamm a bazi ta` regolamenti li nhargu wara. L-attur ghandu jigi trattat l-istess bhal dawk li applikaw u nhargilhom permess qabel il-ftehim tal-1998, u n-nuqqas tal-Awtorita` konvenuta li ttittrata l-kaz tal-attur bid-debita attenzjoni u fi zmien relattivament qasir, m`ghandux ikun ta` hsara ghall-attur.

Din il-Qorti, ghalhekk, tara li ma kienet tezisti ebda raguni bazata fuq kriterji oggettivi ghala l-permess ma kellux johrog. Dak li ghamlet l-Awtorita` konvenuta wara s-sentenza tad-9 ta` Marzu, 2001, kien biss ripettizzjoni ta` dak li ghamlet qabel dik id-decizjoni; dak li ghamlet, jew ippruvat taghmel, kien biss paraventu biex jipprova jghatti n-nuqqs taghha li ssegwi l-ordni tal-Qorti. Dan l-agir hu mhux biss disprezzattiv, izda agir b`mala fede u bi hsara tad-drittijiet tal-attur. Kwindi, l-Awtorita` konvenuta ghandha taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur.

Dwar il-quantum tad-danni, l-attur wera, u ma giex kontrodett, li mit-trasport tal-passigieri hu kien idahhal tal-anqas Lm600 fix-xahar. Il-Qorti rat li, mid-dokumenti esebiti, partikolarment it-*Tax Return* tal-attur ghall-fini tal-VAT, id-dhul tieghu kien aktar vicin il-Lm500 fix-xahar. Bhala zmien, il-Qorti tikkunsidra li l-attur gie mcahhad mill-permess, u mid-dritt li jopera bil-van, mill-1998 (tlett snin fuq l-applikazzjoni tieghu, zmien bizzejjed biex din tkun trattata u determinata) sallum, u ghalhekk, sejra tillikwida d-danni fuq bazi ta` disa` snin; dan igib kumpens ta` Lm54,000.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-attur kif dedotti, u ghall-fini ta` l-ahhar tlett talbiet tikkundanna lill-Awtorita` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta` Lm54,000 (erba` u hamsin elf liri Maltin) *in linea* ta` danni, bl-imghax legali mil-lum sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mill-Awtorita` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------